**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM il-Ħamis, 31 ta' Mejju, 2018**

**Kawża Nru. 15**

**Rik. Nru. 822/14JRM**

Frederick Joseph **PLEDGER**

vs

Giovanni **CAMILLERI** u b'degriet tat-23 ta' Mejju, 2017, l-atti tal-kawża ġew transfużi mill-persuna tal-imħarrek Giovanni Camilleri li miet fil-mori tal-kawża għall-persuna ta' wliedu Annalise Camilleri, Melanie Żerafa *nee* Camilleri u Andre' Karl Camilleri

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-19 ta' Settembru, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur jitlob li din il-Qorti (a) issib li l-imħarrek jaħti għad-danni li ġarrab minħabba li mhuwiex qiegħed iħallih jidħol fil-post li kien krielu biex l-attur ikun jista' jieħu lura ħwejġu li jinsabu f'dak il-post; (b) tordna li, jekk hemm bżonn bil-ħatra ta' perit għal dan il-għan, issir valutazzjoni tal-mobbli u l-oġġetti li jappartjenu lilu u li jinsabu fl-imsemmi post; (ċ) tillikwida s-somma dovuta lill-attur, magħduda dik tal-valur tal-mobbli u oġġetti li jappartjenu lilu; (d) tillikwida d-danni mġarrba mill-attur, jekk hemm bżonn

bil-ħatra ta' perit; u (e) tikkundanna lill-imħarrek iħallas l-ammont dovut lill-attur, magħduda d-danni hekk likwidati. Talab wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Settembru, 2014[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-4 ta' Diċembru, 2014, li biha l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-attur għandu jindika l-artikolu tal-liġi li fuqu qiegħed isejjes it-talbiet tiegħu. Fil-mertu, laqa' billi qal li (a) hu dejjem stqarr mal-attur li sata' jieħu mill-fond dawk l-oġġetti li huma tiegħu, ħlief l-oġġetti li huma mwaħħla jew imqabbdin mal-post u li, skond il-kuntratt ta' kera, kellhom jitħallew fil-fond wara li tintemm il-kirja; (b) l-attur ma sofra ebda danni billi l-partijiet kienu ftehmu wara li ntemm il-kuntratt ta' kera li l-oġġetti mobbli kellhom jibqgħu fil-fond bil-ħsieb li l-istess attur iseħħlu jissulloka l-fond lil terzi; (ċ) li l-pretensjoni tal-attur għad-danni mhix mistħoqqa għaliex, minkejja li l-kirja ntemmet qabel waqtha bi qbil fid-19 ta' Jannar, 2013, l-attur baqa' jieħu lil terzi fil-fond bit-tama li jħajjarhom jikru l-fond, u huwa radd lura ċ-ċwievet lill-eċċipjenti fil-21 ta' Frar, 2014, u għalhekk sa qabel dakinhar ma setax ikun li l-attur kien qiegħed iġarrab danni meta kien għadu fil-pussess taċ-ċwievet u tal-post; (d) it-talbiet attriċi imorru kontra xulxin billi, filwaqt li l-attur kien qed jipprova jissolloka l-fond bi gwadann għalih, huwa jgħid li sofra danni, kif ukoll billi filwaqt li fl-ittra uffiċjali huwa talab li jkun jista' jidħol fil-post ħalli jkun jista' jieħu ħwejġu, fil-kawża l-attur talab biss danni; (e) kemm-il darba l-Qorti kellha tilqa' l-ewwel talba attriċi, l-istima ta' kemm jiswew ħwejjeġ l-attur trid tqis id-deprezzament li jkun seħħ minħabba l-użu li l-istess attur kien laħaq għamel minnhom matul iż-żmien li kien gawda l-kirja tal-post; u (f) hu m'għandu ebda diffikulta` li jħalli lill-attur jidħol fil-post biex jiġbor u jieħu l-oġġetti li ma humiex imwaħħlin jew imqabbdin mal-post;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Diċembru, 2014[2], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi f'din il-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Mejju, 2017[3], li biha ordnat it-trasfużjoni tal-atti, wara l-mewt tal-imħarrek matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża;

Rat ix-xhieda u dokumenti mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

[1] Paġ 20 tal-proċess
[2] Pap. 47 tal-proċess
[3] Paġ. 303 tal-proċess

Rat il-verbal tas-27 ta' Lulju, 2017[4], li bih il-partijiet qablu quddiem l-Assistent Ġudizzjarju li t-trattazzjoni tal-għeluq jagħmluha bil-miktub;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-attur fl-14 ta' Settembru, 2017[5], li fiha, fost ħwejjeġ oħra, ċeda t-tieni talba attriċi[6];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-30 ta' Ottubru, 2017[7], bi tweġiba għal dik attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Novembru, 2017[8], li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal sejba ta' ħtija, likwidazzjoni u ħlas ta' danni mġarrba mill-attur minħabba li l-imħarrek naqas li jagħtih aċċess biex jiġbor ħwejġu minn fond tal-istess imħarrek u li qabel kien mikri lill-attur. L-attur jgħid li matul il-kirja favurih tal-fond, huwa xtara xi oġġetti u tagħmir biex jinqeda bihom; imma, meta temm il-kirja u ħareġ mill-fond, ħalla ħwejġu ġo fih u l-imħarrek la raddhomlu lura u lanqas qiegħed iħallih jidħol fil-post biex jiġborhom. B'din l-azzjoni, l-attur qed jitlob kumpens għall-valur tal-imsemmija oġġetti u n-nuqqas ta' valur tagħhom bit-tgħarriq minħabba li għadda ż-żmien minn fuqhom[9]. Qiegħed jitlob ukoll id-danni mingħand l-imħarrek talli dan, wara li ntemmet il-kirja, daħħal flus minn kirjiet oħrajn u żammhom għalih meta, skond ftehim milħuq bejniethom, l-imħarrek kellu jaqsam miegħu d-dħul tal-istess kirjiet[10];

Illi, min-naħa l-oħra, l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-attur għandu jindika l-artikolu tal-liġi li fuqu qiegħed isejjes it-talbiet tiegħu. Fil-mertu, laqa' billi qal li (a) hu dejjem stqarr mal-attur li sata' jieħu mill-fond dawk l-oġġetti li huma tiegħu, ħlief l-oġġetti li huma mwaħħla jew imqabbdin mal-post u li, skond il-kuntratt ta' kera, kellhom jitħallew fil-fond wara li tintemm il-kirja; (b) l-attur ma sofra ebda danni billi l-partijiet kienu ftehmu wara li ntemm il-kuntratt ta' kera li l-oġġetti mobbli

[4] Paġ. 327 tal-proċess
[5] Paġġ. 338 sa 345 tal-proċess
[6] Paġ. 340 tal-proċess
[7] Paġġ. 348 sa 354 tal-proċess
[8] Paġ. 355 tal-proċess
[9] Ara nota ta' sottomissjonijiet tal-attur f'paġ. 343tal-proċess
[10] *Ibid.* f'paġ. 344 tal-proċess

kellhom jibqgħu fil-fond bil-ħsieb li l-istess attur iseħħlu jissulloka l-fond lil terzi; (ċ) li l-pretensjoni tal-attur għad-danni mhix mistħoqqa għaliex, minkejja li l-kirja ntemmet qabel waqtha bi qbil fid-19 ta' Jannar, 2013, l-attur baqa' jieħu lil terzi fil-fond bit-tama li jħajjarhom jikru l-fond, u kien biss fil-21 ta' Frar, 2014, li radd lura ċ-ċwievet tal-post lill-eċċipjenti, u għalhekk sa qabel dakinhar ma setax ikun li l-attur kien qiegħed iġarrab danni meta kien għadu fil-pussess taċ-ċwievet u tal-post; (d) it-talbiet attriċi imorru kontra xulxin billi, filwaqt li l-attur kien qed jipprova jissolloka l-fond bi gwadann għalih, huwa jgħid li sofra danni, kif ukoll billi filwaqt li fl-ittra uffiċjali huwa talab li jkun jista' jidħol fil-post ħalli jkun jista' jiġbor ħwejġu, fil-kawża l-attur talab biss danni; (e) kemm-il darba l-Qorti kellha tilqa' l-ewwel talba attriċi, l-istima ta' kemm jiswew ħwejjeġ l-attur trid tqis id-deprezzament li jkun seħħ minħabba l-użu li l-istess attur kien laħaq għamel minnhom matul iż-żmien li kien gawda l-kirja tal-post; u (f) hu m'għandu ebda diffikulta` li jħalli lill-attur jidħol fil-post biex jiġbor u jieħu l-oġġetti li ma humiex imwaħħlin jew imqabbdin mal-post;

Illi bħala <u>fatti relevanti li joħorġu minn din il-kawża</u> jirriżulta li b'kitba privata li saret fl-4 ta' Ottubru, 2010[11], l-attur kera mingħand l-imħarrek il-fond magħruf bħala '*Trap Bar*' fi Triq ir-Rizzi, fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, u dan bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija. Il-kirja kellha tkun għal żmien ħames (5) snin b'seħħ mill-15 ta' Jannar, 2011. Mal-ftehim, il-partijiet għamlu inventarju tal-oġġetti u t-tagħmir li kien hemm fil-fond[12] u ftehmu li kull titjib immobbli li jsir fil-fond mill-kerrej (l-attur) kellu jitħalla fil-fond ma' tmiem il-kirja mingħajr ma l-kerrej jippretendi ħlas għalih[13];

Illi tul il-kirja l-attur jgħid li xtara għadd ta' oġġetti[14] biex jinqeda bihom matul il-kirja b'żieda ma' dawk li kienu jinsabu fil-post meta daħal fih. Il-fond u l-oġġetti kienu miżmuma minnu fi stat tajjeb[15];

Illi, bi qbil mal-imħarrek, l-attur temm il-kirja lejn l-aħħar tas-sena 2012[16], u wara l-partijiet laħqu ftehim li l-fond jew jinbiegħ jew jinkera lil terzi b'kulma kien jinsab fih, u d-dħul mill-kirjiet jinqasam bejniethom jew f'każ li l-post jinbiegħ l-attur jitħallas ta' kemm kienu jiswew l-affarijiet li ħalla warajh fil-post[17]. F'Ottubru[18] u f'Novembru tal-2012[19], l-attur daħal fi ftehim (f'isem l-imħarrek bħala s-sid tal-post) ma' aġenziji dwar il-bejgħ tal-ħanut. F'Jannar tal-2013, l-attur kien għamel inventarju tal-affarijiet li kien ħalla warajh fil-ħanut u

[11] Dok "A", f'paġġ. 4 – 6 tal-proċess
[12] Ara klawżola 14 tal-ftehim f'paġ. 5 tal-proċess u Dok "B" f'paġ. 7 tal-proċess. Ara wkoll l-affidavit tal-imħarrek, Dok. "CT" f'paġ. 266 tal-proċess
[13] Klawżola 17 tal-ftehim Dok "A", f'paġ. 6 tal-proċess
[14] Ara l-affidavit tal-attur f'paġ. 39 tal-proċess u x-xhieda tiegħu f'paġ. 59 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-imħarrek fil-kontro-eżami f'paġ. 262 tal-proċess
[15] Ara l-affidavit ta' Roy Matthews f'paġ. 49 tal-proċess
[16] Ara affidavit tal-attur f'paġ. 39 tal-proċess
[17] Ara x-xhieda tal-attur f'paġġ. 58 - 9 u 259 tal-proċess. Ara wkoll l-affidavit tal-imħarrek Dok. "CT" f'paġ. 266 tal-proċess
[18] Dok "FP1" f'paġ. 256 tal-proċess
[19] Dok "FP2" f'paġ. 257 tal-proċess

kemm swewh biex xtrahom u semma wkoll ħwejjeġ oħra li kienu fil-ħanut imma li kienu ta' ħaddieħor[20];

Illi l-attur jgħid li, hekk kif lesta l-inventarju tal-ħanut f'Jannar tal-2013, huwa ta lura ċ-ċwievet tal-post lill-imħarrek. Il-kera kien imħallas sal-aħħar ta' dak ix-xahar;

Illi jirriżulta li l-attur ħa xi oġġetti mill-fond, iżda l-imħarrek talbu jroddhom lura[21]. Fil-fatt, fit-3 ta' Ġunju, 2016, sar inventarju ta' dak li kien hemm fil-post minn perit imqabbad mill-imħarrek, u dan inbena fuq l-inventarju li l-attur kien għamel f'Jannar tal-2013. Minn dan l-eżerċizzju, jirriżulta li, filwaqt li bosta mill-oġġetti msemmija mill-attur kienu għadhom fil-post, xi oġġetti oħrajn imniżżla fil-lista bħala oġġetti mixtrija mill-attur, instabu nieqsa[22]. L-espert tekniku jgħid li l-fond ma kienx umduż, u l-oġġetti kienu fil-biċċa l-kbira tagħhom għadhom fi stat tajjeb, ħlief għal xi oġġetti tad-drapp li kienu mqattgħin[23];

Illi, wara l-kirja, għal xi żmien l-attur kellu kopja taċ-ċwievet tal-post[24]. Bint l-imħarrek xehdet li l-attur irritorna lura ċ-ċwievet f'isem missierha fil-21 ta' Frar, 2014[25]. Jirriżulta wkoll li l-imħarrek kien bidel is-serratura tal-bieb tal-post[26]. L-attur jgħid li, minkejja li żamm kopja taċ-ċavetta tal-post, ma setax jidħol fih minħabba dak li kien għamel l-imħarrek[27]. Għal xi żmien, l-imħarrek kera l-fond lil terzi, iżda din il-kirja ma kellhiex ħajja twila[28];

Illi fit-28 ta' April, 2014[29], l-attur bagħat ittra legali lill-imħarrek sabiex iħallih jidħol fil-fond biex jiġbor ħwejġu, u fit-22 ta' Mejju, 2014[30], ressaq l-istess talba formalment f'ittra uffiċjali;

Illi fis-26 ta' Ġunju, 2014[31], l-imħarrek wieġeb għall-ittra uffiċjali tal-attur u għarrfu li ma kellu ebda oġġezzjoni li l-attur jirranġa biex imur jiġbor il-mobbli proprjeta` tiegħu. L-imħarrek ressaq ukoll stedina biex il-partijiet jiltaqgħu u jippruvaw jilħqu ftehim bonarjament;

---

[20] Dokti "Ċ" u "FJP1" f'paġġ. 8 – 12 u 72 – 8 u paġġ. 80 sa 250 tal-proċess
[21] Dok. "PJ" f'paġ. 54 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 264 tal-proċess
[22] Dok. "NM"f'paġġ. 306 sa 317 tal-proċess
[23] Xhieda tal-A.I.Ċ. Nicholas Mallia f'paġġ. 320 – 1 tal-proċess
[24] Fil-fatt kien għadda kopja lil wieħed Roy Matthews li, minn żmien għal żmien, kien imur inaddaf il-fond. Ara x-xhieda ta' Roy Matthews f'paġ. 62 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "D" f'paġ. 268 tal-proċess
[25] Xhieda ta' Melanie Żerafa f'paġ. 322 tal-proċess
[26] Xhieda ta' Roy Matthews f'paġ. 62 tal-proċess
[27] Xhieda tal-attur f'paġ. 259 tal-proċess
[28] Xhieda tal-imħarrek f'paġ. 264 tal-proċess
[29] Ara paġ. 19 tal-proċess
[30] Ara Dok. "D" f'paġ. 14 tal-proċess
[31] Paġ. 44 tal-proċess

Illi minħabba li dan il-ftehim ma ntlaħaqx[32], fid-19 ta' Settembru, 2014, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi rigward il-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li l-attur ċeda t-tieni talba tiegħu fi stadju mwaħħar tal-kawża. B'dik it-talba, huwa ried li ssir stima ta' kemm kienu jiswew il-ħwejjeġ mobbli li kien ħalla warajh fil-post meta temm il-kirja;

Illi l-Qorti sejra l-ewwelnett tgħaddi biex tqis l-azzjoni attriċi dwar id-danni mġarrba fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imressqin dwarha. In-natura essenzjali tal-azzjoni attriċi hija waħda għal risarċiment ta' dannu mġarrab marbut max-xilja li l-imħarrek jaħti għal dan id-dannu. Il-parametri ta' azzjoni mibnija fuq il-ħtija akwiljana huma mfasslin mil-liġi nfisha. L-għajn ewlenija li ssejjes ir-responsabbilta` ċivili toħroġ minn imġiba li wieħed jislitha minn dolo jew kolpa[33];

Illi huwa prinċipju stabbilit li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtijietha[34], u li jitqies fi ħtija kull min, f'għemilu, ma jużax il-prudenza, għaqal u ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[35]. B'mod partikolari, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel ħsara, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' għaqal, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk[36]. Madankollu, ħsara li sseħħ b'aċċident jew b'forza maġġuri jbatiha dak li fuq ħwejġu tiġri l-ħsara, sakemm il-liġi ma tgħidx mod ieħor[37];

Illi fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għemil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbilta` ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsegwenzjali ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni[38]. Għar-rigward tal-kwestjoni tar-responsabbilta` huwa meħtieġ li jintwera li l-attur ikun ġarrab il-ħsarat li minnhom jilminta u kif ukoll jeħtieġ li jintwera li l-imħarrek kien jaħti għalihom;

Illi madankollu trid titqies ukoll iċ-ċirkustanza, bħal ma huwa dan il-każ, tal-possibilita` meta l-parti mġarrba ma jkollhiex aktar aċċess għall-fond fejn ħwejjiġha jkunu miżmuma. Il-kunsiderazzjonijiet legali marbutin ma'

---

[32] L-imħarek jgħid li l-attur talbu jħallas ta l-affarijiet filwaqt li l-imħarrek kien qed jippretendi li l-attur imur u jieħu l-oġġetti. Ara f'dan is-sens l-affidavit tal-imħarrek f'paġ. 267 tal-proċess
[33] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et***
[34] Art. 1031 tal-Kap 16
[35] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[36] Art. 1033 tal-Kap 16
[37] Art. 1029 tal-Kap 16
[38] App. Inf. PS **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġiovanni Vella et vs Michael Ċilia*** (*in parte*)

ċirkostanza bħal din iduru fuq l-obbligu li titfa' l-liġi fuq is-sid ta' fond li jrid iħares ħwejġu kif imiss, magħduda magħhom dawk li ma humiex tiegħu. F'dan ir-rigward, ingħad ukoll li ġaladarba jeżisti dak id-dmir ta' kustodja fis-sid, dan jikkostitwixxi fih innifsu kejl ta' responsabbilta`, safejn jitfa' fuq min għandu d-disponibilita` tal-fond – kemm jekk hija materjali, kemm jekk hija ġuridika – ir-responsabbilta` għas-seħħ ta' ċerti ġrajjiet determinanti. Dan jingħad ukoll lil hinn mir-riċerka tar-rabta kawżali bejn xi mġiba negattiva tiegħu u l-event tad-dannu li jkun ivverifika ruħu. Il-fatt li persuna ma jkollhiex aċċess aktar għal fond iwassal biex ikollha d-diffikulta` li tipprova l-imġiba effettiva ta' sid dak il-fond u għaldaqstant id-danneġġat mhux tenut jipprova x-xorta ta' mġiba kolpuża f'min iġib fis-seħħ l-event dannuż[39];

Illi kunsiderazzjoni legali oħra li jeħtieġ li titqies f'kawża ta' din il-għamla hija r-regola tad-deprezzament. Filwaqt li l-parti mġarrba għandha l-jedd li titlob kumpens għall-valur tal-utilita` mitlufa, l-attur hu fid-dmir li jieħu l-miżuri kollha raġonevoli biex inaqqas it-telf li jkun ġarrab bħala konsegwenza tal-fatt illeċitu[40];

Illi l-attur jibni l-azzjoni tiegħu għad-danni fuq iċ-ċirkostanza ewlenija li l-imħarrek naqas li jagħtih aċċess biex iħallih jiġbor ħwejġu mill-post, u meta ġabar xi affarijiet, dan talabhom lura. Ma' din huwa jżid ċirkustanza sekondarja, jiġifieri dik li l-fond inkera lil terzi mill-imħarrek meta ħwejġu kienu għadhom fil-fond, sar użu minnhom u hu ma kien mgħarraf b'xejn. Għaldaqstant qed jitlob kumpens f'forma ta' danni għad-deprezzament tal-oġġetti minħabba l-użu li sar minnhom minn ħaddieħor u minħabba li għadda ż-żmien minn fuqhom, kif ukoll li l-imħarrek daħħal flus minn kirjiet u żammhom għalih bi ksur tal-ftehim li kien intlaħaq bejniethom;

Illi, min-naħa tiegħu l-imħarrek jiddefendi ruħu billi jressaq żewġ argumenti. Huwa jiċħad ir-responsabbilta` kemm fuq il-kriterju li ma tax aċċess lill-attur, u kif ukoll li saret xi kirja minn wara dahar l-attur. Dwar tal-ewwel, jgħid li l-attur kellu aċċess kemm irid għall-fond mikri lilu għal aktar minn sena wara li temm il-kirja u għaldaqstant seta' ħa ħwejġu minn hemmhekk meta ried; dwar tat-tieni, l-imħarrek jgħid li l-kirja lil terzi qatt ma seħħet;

Illi l-Qorti sejra tqis l-eċċeżżjonijiet mressqa mill-imħarrek. Għar-rigward ta' **l-aċċess**, huwa minnu li l-attur kellu aċċess għall-fond tal-imħarrek għal bosta xhur wara li l-kirja ntemmet u għaldaqstant seta' tabilħaqq ħa ħwejġu minn ġo fih sakemm kellu dak il-pussess. Min-naħa l-oħra, meta l-attur ħa xi oġġetti mill-fond, jirriżulta li huwa ġie mwiddeb mill-imħarrek biex jirritornahom lura. Lill-Qorti jirriżultalha wkoll li, wara li skadiet il-kirja, il-partijiet qablu li ser

[39] App. Inf. PS **23.4.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***GasanMamo Insurance Ltd noe vs Doreen Vella et***
[40] P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Camilleri et vs Joseph Saliba*** (mhux appellata)

jippruvaw jew ibiegħu jew jikru l-fond bl-oġġetti li kien hemm fih. Dan jidher li huwa l-qofol tal-kwestjoni li nħalqet bejn il-partijiet;

Illi ma ntweriex ċar x'kien l-arranġament li sar bejn il-partijiet. Ma kienx ftehim f'sens formali u matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża kull parti qalet tagħha dwar x'kien l-arranġament. Tressqu provi li juru li, sa minn Ottubru tal-2012 (u bil-kirja mitmuma jew waslet biex tintemm), l-attur deher fuq ftehim ta' aġenzija (f'isem l-imħarrek) dwar il-bejgħ tal-post b'kulma jinsab fih. Il-ftehim tal-kirja kien jagħti lill-attur (kerrej) l-għażla li jixtri hu l-post mikri lilu[41]. Il-ftehim kien jagħtih ukoll il-jedd tas-sullokazzjoni[42], b'mod li huwa seta' jgħaddi l-post lil ħaddieħor (sakemm jingħata l-kunsens tas-sid bil-miktub) ukoll jekk b'kera ogħla minn dak li kien iħallas hu. Il-ftehim tal-kirja kien jaħseb ukoll[43] li l-kerrej seta' jtemm il-kirja meta jagħżel, imbasta jagħti pre-avviż ta' sitt (6) xhur lis-sid. Wieħed jista' jaħseb ukoll li, ladarba l-attur kien qatagħha li jtemm il-kirja qabel il-waqt u l-imħarrek kien aċċetta, l-attur ma kellux użu mill-oġġetti li kien xtara biex jarma l-post u l-proposta li jew jinstab il-bejgħ tal-post jew issir is-sullokazzjoni tiegħu kienu jinteressawh aktar. Dan kollu jfisser għaliex l-attur ma żarmax il-post u ma ġarrx ħwejġu minn hemm malli temm il-kirja;

Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti, il-Qorti ma tarax kif l-ewwel difiża tal-imħarrek tista' tintlaqa'. Bil-kliem, l-imħarrek jidher li kien u għadu dispost li l-attur jidħol fil-fond u jieħu ħwejġu, iżda min-naħa l-oħra, l-arranġament li daħal fih mal-attur impona limitazzjoni fuq l-attur li jista' jagħmel li jrid bi ħwejġu. Dan il-fatt jista' jispjega wkoll għaliex l-imħarrek oġġezzjona għat-teħid ta' xi oġġetti mill-attur meta sab xi oġġetti nieqsa u talabhomlu lura;

Illi għar-rigward il-kirja tal-fond, lill-Qorti jirriżultalha illi anke jekk kien hemm is-sempliċi possibilita` li l-post jinkera lil terzi (jiġifieri lil hinn mill-fatt jekk il-fond inkeriex lil terzi jew le), l-imħarrek naqas milli jgħarraf b'dan lill-attur. Jidher li ftehim ma' terzi kien sar min-naħa tal-imħarrek, li, meta xehed fis-subizzjoni, ipprova jnaqqas l-effett ta' dan billi qal li l-kerrejja l-ġodda qatgħu qalbhom xi tliet (3) ġimgħat biss wara li bdew imexxu l-post[44]. Din ix-xhieda, fil-fehma tal-Qorti, twassal għal żewġ aċċertamenti: fl-ewwel lok, li l-imħarrek kien tassew kera l-post lil terzi meta ħwejjeġ l-attur kienu fil-post; fit-tieni lok, li biex dan sar, il-pussess tal-post kien f'idejn l-imħarrek u li l-attur kien tabilħaqq miżmum milli jidħol aktar fih. Dan iwassal biex it-tieni difiża tal-imħarrek ukoll tiġi mwarrba;

[41] Klawżola 19
[42] Klawżola 4
[43] Klawżola 1
[44] Xhieda tal-imħarrek f'paġ. 264 tal-proċess

Illi jmiss li l-Qorti tqis **is-siwi tat-talbiet attriċi**. It-talbiet attriċi li fadal ma humiex biex l-attur jingħata aċċess għall-oġġetti tiegħu ħalli jkun jista' joħodhom lura, kif tidher li kienet ix-xewqa tal-attur qabel ma fetaħ din il-kawża meta formalment interpella lill-imħarrek b'ittra uffiċjali tat-22 ta' Marzu, 2014, "sabiex jingħata aċċess għal ġewwa l-proprjeta` magħrufa bħala *Trap Bar* sabiex ikun jista' jiġbor l-mobbli tiegħu". Ma hemm l-ebda waħda mit-talbiet attriċi li titlob dan. It-talbiet attriċi issa huma biex l-attur jingħata kumpens talli ma ngħatalux dan l-aċċess. Fi kliem ieħor, l-attur qed jitlob kumpens talli ġie mċaħħad milli jibqa' jagħmel użu minn ħwejġu u mhux li jingħata ħwejġu lura. Il-Qorti ma tistax tipprovdi dwar ħaġa li ma tkunx intalbet, ukoll jekk din tkun tidher bħala l-aktar ħaġa li tagħmel sens;

Illi kif din il-Qorti sabet li ma tistax tilqa' d-difiża mressqa mill-imħarrek, bl-istess mod qed issib diffikulta` tifhem u għaldaqstant tilqa' t-talbiet attriċi. Dan qed jingħad għaliex l-attur jippretendi li kellu jingħata aċċess għal ħwejġu meta kien huwa nnifsu li aċċetta li jħalli ħwejġu fil-post bil-qbil milħuq minnu biex il-fond jew jinbiegħ b'kulma kien jinsab fih jew jinkera lil terzi bl-istess mod. Ma ntweriex li, tul iż-żmien, l-oġġetti tgħarrqu jew tilfu l-valur tagħhom. Minbarra dan, intwera li wħud mill-oġġetti ttieħdu mill-attur filwaqt li oħrajn[45] lanqas biss jidher li għadhom fil-post. Fis-sottomissjonijiet tiegħu[46] l-attur jgħid ċar u tond li "d-danni li qed jiġu mitluba huma proprju dawk emanenti mid-deprezzament tal-mobbli stante illi l-esponent ma tħalliex jieħu l-affarijiet tiegħu…". Ma nġabet l-ebda prova ta' tnaqqis fil-valur tal-oġġetti reklamati mill-attur u, biċ-ċessjoni tat-tieni talba attriċi, fadal biss il-kawżali msemmija mill-attur bħala l-kejl pretiż minnu tad-dannu mġarrab;

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-aktar li l-attur jista' fiċ-ċirkostanzi jippretendi mingħand l-imħarrek huwa li jingħata nofs id-dħul mill-kirja tal-fond li huwa jixli lill-imħarrek biha. Dan jingħad għaliex l-attur innifsu xehed li dan l-arranġament kien qabel miegħu meta temm il-kirja[47]. Iżda, hawnhekk ukoll, it-talba attriċi ma tirnexxix għaliex ma nġabet l-ebda prova konkreta ta' kemm din il-kirja fil-fatt issarfet, u għaldaqstant din il-Qorti m'għandhiex prova tajba li tista' torbot fuqha f'dan ir-rigward u għalhekk ma għandha l-ebda ħjiel jew kejl li tista' timxi fuqu biex tillikwida xi danni favur l-attur f'dan ir-rigward;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi l-attur ma rnexxilux jipprova kif imiss li l-imħarrek ikkawżalu danni u l-ewwel talba mhijiex sejra tintlaqa'. Dan iwassal biex it-talbiet attriċi l-oħrajn li l-attur għadu ma ċediex iġarrbu l-istess konsegwenza, billi lkoll jiddependu mill-ewwel talba;

[45] Ara l-lista f'Dok "NM" f'paġġ. 316 – 7 tal-proċess
[46] § 7 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 343 – 4 tal-proċess
[47] Xhieda tiegħu f'paġ. 259 tal-proċess

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tastjeni milli tqis aktar it-tieni talba attriċi** ladarba l-attur ċediha;

**Tiċħad it-talbiet attriċi l-oħrajn** billi l-attur naqas li jippruvahom kif meħtieġ;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** imressqa mill-imħarrek bħala mhux mistħoqqa, ħlief safejn dawk l-eċċezzjonijiet iwarrbu l-ħtija minn fuqu; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, kull parti tħallas l-**ispejjeż tal-kawża** li jmiss lilha.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**31 ta' Mejju, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**31 ta' Mejju, 2018**